**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 16 ta' Frar, 2017

Rikors numru : 523/16 AL

AB
VS
CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-partijiet izzewgu fis-sebgha (7) ta' Dicembru tas-sena elf, disa` mija erbgha u disghin (1994) u dan kif jixhed ic-certifikat tas-zwieg mal-prezenti anness u mmarkat Dok. A u minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla, illum maggorenni kif jixhed ic-certifikat tat-twelid mal-prezenti anness u mmarkat Dok. B.
2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin sa mill-erbgha (4) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sitta (2006) permezz ta' kuntratt redatt min-Nutar Dottor Daniela Chetcuti (Dok. C).
3. Illi minkejja li bint il-partijiet hija maggorenni, l-esponenti baqa` jipprovdi manteniment ghall-bintu u dan peress li hija ghadha ghaddejja bl-istudji taghha, inoltre l-esponenti bi hsiebu jkompli

jipprovdi ghajnuna finanzjarja ghal bintu sakemm ikun mehtieg li jsir hekk ;

4. Illi l-esponenti jirrileva illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejnu u bejn martu stante illi minbarra illi ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin ;
5. Illi m'hemmx kwistjonijiet ta' manteniment lill-intimata
6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Jannar, 2017;

Rat illi l-intimata, debitament notifikata, ma ipprezentatx risposta u ma dehritx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-4 ta' Dicembru 2006;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.